

- 3) L-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-impożizzjoni ta' tariffa idrawlika, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għad-detriment tal-produtturi ta' enerġija idroelettrika li joperaw f'ilmijiet inter-Komunitarji, tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat ipprojbta, peress li tintroduċi sistema ta' tassazzjoni asimmetrika fl-istess qasam tat-teknoloġija skont il-post li fih jinsab l-impjant u ma hijiex imposta fuq il-produtturi ta' enerġija minn sorsi oħra?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275).

<sup>(2)</sup> Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU 2009, L 211, p. 55).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fit-13 ta' Frar 2018 –  
Asociació de Productors i Usuaris d'Energia Elèctrica vs Administración General del Estado**

**(Kawża C-109/18)**

(2018/C 161/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Asociación de Productors i Usuaris d'Energia Elèctrica

Konvenuta: Administración General del Estado

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 <sup>(1)</sup> li jistabbilixxi l-prinċipju tal-irkupru tal-ispiża tas-servizzi relatati mal-ilma kif ukoll il-kumpens ekonomiku xieraq għall-użu tal-ilma, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-introduzzjoni ta' tariffa għall-użu tal-ilmijiet interni għall-produzzjoni tal-enerġija, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tinkoraġġixxi l-użu effiċjenti tal-ilma, u lanqas tistabbilixxi mekkaniżmi għall-konservazzjoni u għall-protezzjoni taż-żoni ta' ilma għall-pubbliku, li r-rata tagħha ma hija bl-ebda mod marbuta mal-kapaċità li tikkawża ħsara liż-żoni ta' ilma għall-pubbliku, peress li tiffoka biss u esklużivament fuq il-kapaċità tal-produtturi li jiġġeneraw dħul?
- 2) Imposta bħat-tariffa idrawlika inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tikkonċerna esklużivament il-produtturi ta' enerġija idroelettrika li joperaw f'ilmijiet inter-Komunitarji iżda mhux il-produtturi li għandhom konċessjonijiet f'ilmijiet intra-Komunitarji u l-produtturi li jużaw teknoloġija idroelettrika iżda mhux dawk li jipproduċu enerġija b'teknoloġiji oħra, hija konformi mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn l-operaturi stabbilita fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/72/KE tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku <sup>(2)</sup>?
- 3) L-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li n-nuqqas ta' ssuġġettar għal tariffa idrawlika tal-produzzjoni tal-enerġija idroelettrika li topera f'ilmijiet intra-Komunitarji u ta' użu ieħor [li jimplika konsum] tal-ilmijiet jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat ipprojbta, peress li din it-tariffa tapplika biss fuq l-użu ta' ilma fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275).

<sup>(2)</sup> Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU 2009, L 211, p. 55).